**QORTI TAL-APPELL**

**GHAWDEX**

**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 229/2016**

**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar**

**datata 29 ta' Novembru 2019**

**Illum 17 ta' Gunju 2020**

**Victor Vella (K.I. 20386G) u Magistrat Dr. Monica Vella (K.I. 10874G)**

**vs**

**Manfred Bendlin Torsten**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell tar-rikorrent Victor Vella minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 29 ta' Novembru, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

'Stante illi din l-azzjoni giet iddikjarata preskritta, mhux il-kaz li jigi kkunsidrat il-mertu.'

2. Illi d-decizjoni appellata nghatat wara li l-appellant rikorrent Victor Vella u l-Magistrat Dr. Monica Vella ssottomettew talba quddiem it-Tribunal kontra l-intimat appellat sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn, seba' mija u hamsin Euro (€2,750) oltre l-imghaxijiet legali, kwantu ghall-elfejn, erba' mija u hamsin Euro (€2,450) dovuti lill-attur Victor Vella fuq spejjez ta' trasport, tragitt u hatt ta' *containers* u kwantu ghal tliet mitt Euro (€300.00) dovuti lill-attrici Magistrat Dr. Monica Vella bhala hlas ta' spejjez professjonali.

3. Illi l-intimat appellat preliminarjament invoka l-*privilegium fori* stante li sostna li mhux residenti f'Malta. Talab ukoll illi ssir traduzzjoni tal-atti stante li ma jifhimx bil-lingwa Maltija. Eccepixxa ulterjorment illi t-talbiet huma mressqin minn zewg atturi differenti ghal zewg vertenzi differenti; Eccepixxa in oltre l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2149(c)

tal-Kodici Civili fil-konfront tat-talba tal-Magistrat Dr. Monica Vella. Fir-rigward tat-talba ta' Victor Vella eccepixxa li din hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez. Fil-konfront tar-rikorrent Victor Vella eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili rigwardanti spejjez ta' tragitt, trasport u hatt ta' *containers* u fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' *commission* fuq kera ta' proprjeta' li tirrisali ghas-sena 2012 eccepixxa l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini tal-artikolu 2148 (e) tal-Kap. 16.

4. Rat illi r-rikorrent Victor Vella ressaq appell mid-decizjoni u minn qari tal-appell jirrizulta li ressaq principalment zewg aggravji kif isegwi:

(i) Illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal jiskarta ghal kollox dak li jistabbilixxi l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-analizi tieghu tal-preskrizzjonijiet eccepiti mill-intimat;

(ii) Illi ai termini tal-artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-provi fl-atti, l-intimat kellu jigi meqjus li rrikonoxxa l-inkarigu moghti minnu lill-appellant w'ghalhekk kien hemm ksur tal-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-appellat.

5. Rat illi l-intimat appellat fil-qosor irrisponda kif isegwi:

(i) Illi dak mitlub mill-artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16 gie sodisfatt fil-proceduri quddiem it-Tribunal w'ghalhekk l-ewwel aggravju ghandu jigi michud;

(ii) Illi t-tieni aggravju huwa merament stedina sabiex din il-Qorti taghmel apprezzament hi mill-gdid migbura quddiem it-Tribunal w'ghalhekk stante li l-Qorti qeghda tintalab tiddisturba dan l-apprezzament dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Talab ghalhekk li l-appell jigi michud u d-decizjoni appellata tigi konfermata.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2020 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum. Rat l-atti kollha tal-appell u tat-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi t-Tribunal fil-prim'istanza wasal ghad-decizjoni tieghu fil-kaz odjern kif isegwi:

*'Ra s-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament preseduta tal-21 ta' Ottubru 2016 fejn giet deciza l-eccezzjoni ta' privilegium fori u l-atti gew mibghuta lir-Registratur tal-Qorti sabiex il-kawza titkompla diversament preseduta gewwa l-Gzira ta' Ghawdex.*

*Ra l-verbal tal-24 ta' Frar 2017 fejn wara hlas ghas-saldu ta' tliet mitt Euro lill-Magistrat Dr. Monica Vella, il-pretensjoni taghha giet irtirata minghajr pregudizzju.*

*Ra ukoll id-dikjarazzjoni fejn il-partijiet accettaw li l-konvenut ihallas 1/9 tal-ispejjez relattivi tal-attrici Dr. Monica Vella.*

*Ra l-prokura esebita fejn il-konvenut awtorizza lil Neda Bendlin-Dastghaibi bi prokura generali.*

*Ra illi din il-prokura giet kontestata fis-27 ta' Settembru 2019 u t-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza pendenti l-kontestazzjoni tal-istess prokura mill-attur. Il-kawza thalliet ghall-informazzjoni ulterjuri ghat-8 ta' Novembru 2019.*

*Ra illi fl-4 ta' Ottubru 2019, giet esebita prokura li tidher fl-original taghha.*

*Ra illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2019, Dr. Joshua Grech ma ghamel l-ebda kontestazzjoni fir-rigward ta' din it-tieni prokura u ghalhekk it-Tribunal jaccetta l-awtenticita' taghha.*

*Sema' x-xhieda bil-gurament u ra l-affidavits prezentati fl-atti.*

***Ikkunsidra***

*Illi kif gja nghad l-eccezzjoni ta' privilegium fori diga' giet deciza u mhux il-kaz illi t-Tribunal jikkunsidraha f'dan il-gudikat.*

*L-istess jinghad rigward it-talba tal-Magistrat Dr. Monica Vella, fejn skont il-verbal fuq imsemmi tal-24 ta' Frar 2017, il-mertu gie ezawrit bil-hlas ta' tliet mitt Euro u ghalhekk il-kawza, ghal dak li jirrigwarda l-Magistrat Dr. Vella giet irtirata u konsegwentement it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet.*

*Illi qabel mat-Tribunal ighaddi biex jikkunsidra l-mertu fil-konfront tal-attur Victor Vella, irid jiddisponi bl-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sena mqajma mill-konvenut ai termini tal-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili rigward l-ispejjes relatati ma' tragitt, trasport u unloading ta' containers kif ukoll preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili rigward commission fuq kera ta' proprjeta'.*

***Ikkunsidra***

*Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut kien inkariga lill-attur Victor Vella sabiex dan isiblu dar Ghawdex fejn ikun jista' joqghod, jaghmillu l-arrangamenti ghat-trasport ta' ghamara u effetti personali li l-konvenut kien ser igib mill-esteru ghad-dar tieghu. Jidher illi saru zewg inkarigi:*

*ta' l-ewwel wahda l-attur ighid li thallas u ma vvanta l-ebda pretensjoni l-ohra. Rigward it-tieni nkarigu, pero' jidher illi nqalghu hafna kwistjonijiet u minkejja li l-container gie konsenjat fir-residenza tal-konvenut, l-ispejjes involuti u mhallsa mill-attur allegatament ma thallsux u ghalhekk saret din il-kawza. Min-naha tal-konvenut it-Tribunal ghandu l-konfort tax-xhieda ta' Neda Bendlin, il-mara tal-konvenut, liema xhieda hija nebuluza hafna u mhemm xejn cert f'dak illi qalet. Sikwit tuza frazijiet bhal: "As far as I know …. I believe … But I stand to be corrected … I don't know the exact amount … I don't know who consigned the consignment from Malta to Gozo … I don't know who the consignee was in Malta ecc." Tghid ukoll illi ghamlu pagament wiehed lill-attur*

*wara z-zewg konsenji u li ma kien hemm xejn iktar dovut lill-attur. Tghid ukoll illi talbu ricevuta li qatt ma nghataw.*

*Dana nghad, irrizulta wkoll illi l-process kollu tal-kiri tad-dar, konsenja ta' merkanzija, containers ecc. sar bejn is-sena 2011 u 2012. Id-dokumenti kollha esebiti fl-atti, inkluzi dawk esebiti mill-attur, igibu d-data 2012.*

*Ma rrizultax illi saret ittra ufficjali u mistoqsi jekk l-attur pprezentax ittra ufficjali qabel ma giet pprezentata din il-kawza fil-21 ta' Gunju 2016, l-attur wiegeb li ma kienx jaf. Ghalhekk fin-nuqqas ta' kull prova ohra, l-ewwel att gudizzjarju li seta' nterrompa l-perjodu preskrittiv huwa proprju l-att li ppropona din il-kawza.*

***Ikkunsidra***

*Illi l-artikolu nvokat mill-konvenut, u cjoe' l-art. 2147(d) tal-Kodici Civili jghid testwalment hekk:*

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena:*

*l-azzjonijiet tal-vettura bl-art jew bil-bahar imsemmijin fl-artikoli 1628 sa 1631, ghall-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi taghhom.*

*L-attur qieghed jitlob pagament tas-servizz illi ghamel talli gab container mill-esteru ghal Malta ghall-beneficcju tal-konvenut u ghamel ix-xoghol ta' burdnar biex wassal il-container sad-dar tal-konvenut. Dan ix-xoghol jaqa' nettament taht l-artikolu fuq imsemmi u kwindi preskrivibbli fi zmien sena. Ittra ufficjali li setghet tinterrompi dan it-terminu ma saritx.*

*Dan ifisser kwindi illi ghal dak li jirrigwarda din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni l-azzjoni attrici tinsab kolpita bl-artikolu fuq imsemmi 2147(d) tal-Kodici Civili.*

*Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dwar il-commission fit-termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili, l-artikolu jghid testwalment hekk:*

*l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(e) l-azzjonijiet tas-sensala ghad-dritt ta' senserija.*

***Ikkunsidra***

*Illi hawn ukoll il-provi huma nebbuluzi u ma hemm xejn cert f'dak illi jghid l-attur. L-unika haga illi jghid hija li sar jaf lil Torsten Bendlin ghall-habta ta' April 2012 meta kkuntattjah biex isiblu "a nice luxurious house in Gozo", sabiex Bendlin u l-mara tieghu jikru u jghixu fiha. Jghid ukoll illi wara li raw diversi djar ghazlu dar f'Ghajnsielem, sar ftehim mas-sid u giet mikrija. Ma nghataw l-ebda aktar dettalji dwar din il-kirja.*

*Bhalma nghad aktar 'il fuq, ma sarx xi att gudizzjarju sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni minn April 2012 sakemm giet ipprezentata din il-kawza fil-21 ta' Gunju 2016. Dan ifisser illi l-perjodu preskrittiv ghadda favur il-konvenut u l-attur ma jistax jivvanta pretensjoni kontra l-istess konvenut u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, anke f'dan il-kaz ghandha tigi milqugha.*

*Stante illi din l-azzjoni giet iddikjarata preskritta, mhux il-kaz li jigi kkunsidrat il-mertu.*

*Ghal dawn il-motivi, jatqa' u jiddeciedi illi jichad it-talba attrici. Bl-ispejjes kontra tieghu.'*

8. Illi fl-ewwel aggravu tieghu l-appellant isostni li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal skarta ghal kollox dak li jistabbilixxi l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini tal-artikolu 2160 (1) l-appellant isostni li l-preskrizzjonijiet mqajjma mill-intimati ai termini tal-artikoli 2156 (d) u (e) m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jqajjmu l-istess ma jaghtux

gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa. L-appellant ikompli billi jsostni li fl-ebda mument tal-proceduri quddiem it-Tribunal ma pprezenta ruhu l-intimat minn jeddu sabiex ai termini tal-artikolu 2160 (1) jiehu l-gurament li huwa mhux debitur. Ikompli billi jsostni li fl-atti l-intimat kien rapprezentat minn mandatarja, iqajjem dubju dwar il-validita' tal-prokura nnifisha u jsostni li l-mandatarja Neda Bendlin fix-xhieda taghha rrikonoxxiet is-servizz li pprovda r-rikorrent b'dan li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi fi kwalunkwe kaz.

Illi da parti tieghu l-intimat fir-rigward ta' dan l-aggravju jsostni li b'referenza ghall-artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16, il-mandatarja tal-appellat Neda Bendlin fl-affidavit taghha ddikjarat kif isegwi:

'I declare that neither Torsten Bendlin nor myself owe any sum of money to Mr Vella as all the money which was due to him has be duly paid.'

Dan kif jidher mill-affidavit esebit a fol. 47 tal-process. Il-Qorti rat li dan l-affidavit gie mahluf seduta stante nhar il-21 ta' April, 2017. L-intimat isostni ghalhekk li dak mitlub mill-Artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16 gie sodisfatt fil-proceduri odjerni.

9. Illi minn qari tad-decizjoni appellata huwa evidenti li *prima facie* ma saret ebda referenza specifika ghall-artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16. Il-Qorti rat li bl-emendi li gew introdotti bl-Att numru 1 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) dan l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie jaqra kif isegwi:

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*
>
> *(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*
>
> *(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

10. Illi minn qari ta' dan l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta wiehed jifhem li n-nozzjoni tal-gurament decizorju nbidlet totalment minn kif kienet qabel ma dahlu fis-sehh dawn l-emendi. Fejn qabel kien ikun l-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut, illum

huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu jiehu l-gurament. F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet **P & S Limited (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** fejn dwar il-kambjament fin-nozzjoni tal-gurament decizorju nghad is-segwenti:

*'12. Din ix-xorta ta' duttrina llum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*13. Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwistjoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti msemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hix mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.'*

11. Illi ghalhekk l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

jirrikjedi li l-intimat li jrid jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjonijiet brevi jew partikolari:

(i) jixhed minn jeddu u

(2) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur.

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-intimat huwa rapprezentat fl-atti minn martu Neda Bendlin-Dstghaibi kif evidenzjat mill-kopja tal-prokura esebita fl-atti a fol. 87 et seq tal-process. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm fit-trattazzjoni tal-legali tal-appellant tqajjmu dubji dwar din il-prokura, il-Qorti rat li fl-appell ma tqajjem l-ebda aggravju dwar il-validita' tal-prokura w'ghalhekk mihijiex ser tinoltra ruhha oltre dwar l-istess anki in vista li l-ligi Maltija tippermetti li mandat jista' jkun anki verbali.

Illi ghal dawk li huma r-rekwiziti tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16, jirrizulta mill-atti li l-konvenut kif rapprezentat minn Neda Bendlin-Dstghaibi fl-affidavit taghha a fol. 47 tal-process iddikjarat bil-gurament mehud seduta stante kif isegwi:

'I declare that neither Torsten Bendlin nor myself owe any sum of money to Mr Vella as all the money which was due to him has been paid.'

Mis-suespost jirrizulta li l-kriterju li l-intimat kif rapprezentat xehed minn jeddu huwa sodisfatt kif ukoll huwa sodisfatt il-kriterju li dan sar bil-

gurament waqt il-kawza. La darba jirrizulta li l-kriterji tal-artikolu 2160 Kap. 16 gew sodisfatti da parti tal-intimat ghal dak li hu gurament decizjoru l-Qorti tqis li ghalkemm ma sarx accenn specifiku ghall-istess fid-decizjoni appellata, fis-sustanza din xorta wahda hija gjustifikata fis-sens li jirrizulta li gew segwiti d-dettami tal-artikolu 2160 w'ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

12. Illi t-tieni aggravju tal-appellant (ghalkemm il-Qorti tinnota li dawn ma gewx enumerati kif tirrikjedi l-ligi) juri n-nuqqas ta' qbil tal-appellant mal-apprezzament tat-Tribunal tal-provi migbura quddiemu li wassluh sabiex jiddeciedi li l-pretensjonijiet tal-attur appellant kienu effettivament preskritti. Da parti tieghu l-intimat appellat fir-risposta tieghu jsostni li dan l-aggravju li huwa bbazat unikament fuq nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi tat-Tribunal ghandu jigi michud minn din il-Qorti tal-Appell.

13. Illi l-Qorti rat li l-pern kollu tat-tieni aggravju tal-appellant huwa li jinsisti li fl-atti l-intimat permezz tal-mandatarja tieghu jirrikonoxxi l-jedd tal-attur ghall-hlas mitlub. L-appellant f'dan il-kuntest jaghmel referenza ghall-artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

*'Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.'*

Filwaqt li wkoll jidhol f'analizi tax-xhieda tal-mandatarja tal-intimat abbazi ta' liema jsostni li kien hemm ir-rikonoxximent tad-debitu.

14. Il-Qorti rat li fl-atti l-mandatarja tal-intimat xehdet fl-ewwel lok permezz tal-affidavit taghha a fol. 47 tal-process. F'dan l-affidavit Neda Bendlin-Dastghaibi tiddikjara fil-qosor u skjettement li ma hemm l-ebda ammont dovut lill-attur appellant stante li dan thallas. Izzid li l-appellant ma kienx ipprovda ricevuti ghall-pagamenti li saru. Xehdet ukoll viva voce a fol. 57 u 58 tal-process. Il-Qorti rat kelma b'kelma din ix-xhieda w'ghalkemm fuq certi dettalji l-mandatarja tal-intimat nstemghet mhux daqshekk konvinta, fir-rigward tal-pagamenti dovuti lir-rikorrenti appellant xehdet kif isegwi:

'Victor Vella was paid in cash. I believe he was paid in February two thousand and thirteen (2013). I don't know the exact amount but I know that it covered everything. It was over several thousand euros, but not in excess of ten thousand (10,000). My husband only made, effected one payment . . . .

. . . . we made one payment to Mr Vella, after both consignments where delivered, and we paid him in full and final settlement. There is nothing owing from our end. My husband asked for a receipt and he did not give him one. I am sure about this.'

L-istess Neda Bendlin-Dastghaibi xehdet ukoll a fol 61 tal-process filwaqt li giet murija diversi dokumenti mill-attur llum appellant. F'din ix-xhieda ghalkemm ix-xhud ma taghrafx uhud mid-dokumenti, hija taghraf x'indirizzi miktuba fuqhom u taghraf kalligrafija ghalkemm ma tghidx ta' min hi. Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni u din id-dokumentazzjoni jidher li tirraprezenta ricevuti, *notice of arrival* u *bill of lading* kollha mahruga f'isem l-attur appellant Victor Vella. Fil-*bill of lading* jidher l-isem tas-'shipper' bhala dak tal-intimat.

Illi din il-Qorti wara li gharblet l-assjem tax-xhieda kollha u tad-dokumentazzjoni li saret referenza ghaliha ma sabet xejn li jista' remotament jirraprezenta rikonoxximent tad-debitu fl-atti da parti tal-intimat kif qed isostni l-appellant. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib xejn fl-apprezzament tal-fatti tat-Tribunal li jimmerita l-intervent taghha sabiex tvarja l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess Tribunal u cioe' li t-talbiet attrici jirrizultaw preskritti. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan l-aggravju.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell odjern billi filwaqt li tghaddi sabiex tilqa' r-risposta tal-appellat, tichad l-aggravji kollha tal-appellant u konsegwentement tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri

Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb

Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur